# LEĦEN IL-PARROĊĊA

ta' Ħal Safi

*Festa 2020*

Ħarġa No. 42



# Leħen il-Parroċċa ta' Ħal Safi




***Ritratt tal-faċċata:***

***Pittura ta' Mattia Preti - 1682***
***Din tinsab fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina***
***ddedikat lill-Konverżjoni ta' San Pawl.***

***Ritratt ta'***
***Heritage Malta***

**Bord Editorjali**
***President:***
Kappillan
Kan. David Farrugia

***Editur:***
Dorian Baldacchino

***Ritratti:***
Carl Farrugia
Dorian Baldacchino
Fr David Farrugia
William Grech

***Indirizz:***
21, Triq Santa Marija,
Safi - SFI 1211
Tel: 21649223

**Issettjat u Stampat**
**Print Right Ltd. - Qormi**
**Tel:** 21250994
**Mob:** 99490344
**e-mail:**printright@onvol.net

# F'din il-Ħarġa

**1.** Editorjal

**3.** Messaġġ mill-Kappillan

**7.** Dun Tony Pace - Ordnat Presbiteru

**9.** Diskors mill-Moderatur tal-KPP fl-ewwel quddiesa ta' Dun Tony Pace

**13.** Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2019-2020

**17.** Ritratti tal-Manutenzjoni li saret fil-Knisja

**20.** Ritratti tal-Manutenzjoni li saret fil-Knisja

**21.** Ritratti tal-Manutenzjoni li saret fil-Knisja

**28.** Memorji tal-Festa 2019

**29.** Programm tal-Festa 2020

**30.** Rendikont Festa San Pawl 2019

**33.** Ċentinarju mill-wasla tal-qniepen f'Ħal Safi

**41.** Messaġġ minn Dun Karm Zammit

**44.** Mir-Reġistri tal-Parroċċa

**48.** Arbural






Editorjal

*Dorian Baldacchino*

## Festa Unika?

Kif ilkoll nafu, minħabba l-pandemija COVID-19, din is-sena hija waħda pjuttost stramba u nittamaw li tibqa' unika. Din l-imxija mhux biss affettwat il-ħajjiet ta' min intlaqat minnha u, li kif rajna f'aħbarijiet li kienu qed jaslulna minn madwar id-dinja, ikkawżat ukoll bosta mwiet, imma nistgħu ngħidu li qalbet ħajjitna sewwa għax bidlet l-istili tal-ħajja li ngħixu, u kliem bħal 'distanza soċjali', 'maskri' u 'face visors', 'normal ġdid' bdew jispikkaw fil-lingwaġġ tagħna. Barra minn hekk, għadd ta' setturi sanitarji, industrijali, ekonomiċi, turistiċi, eċċ. jew żdidilhom ħafna impenn u xogħol, jew bil-kontra: kellhom inaqqsu jew jieqfu kważi għal kollox. L-aspett reliġjuż ukoll ġie affettwat, u dan wassal biex saħansitra f'pajjiżna l-awtoritajiet tal-Knisja, fuq pariri tal-awtoritajiet tas-saħħa, iwaqqfu b'mod temporanju ċerti funzjonijiet reliġjużi pubbliċi, waqt li nstabu mezzi oħra ħalli l-Knisja tibqa' viċin il-poplu aktar minn qatt qabel.

Smajna wkoll lil Mons. Arċisqof iħabbrilna li l-Festi wkoll kellhom ikunu affettwati: minn ġimgħa, kif soltu tkun, il-Knisja f'Malta se tkun responsabbli biss għal Jum Festa li jikkonsisti f'quddiesa u pellegrinaġġ. Dan il-pellegrinaġġ għall-bidu kien ristrett għal dawk li jiċċelebraw il-festa fil-jum liturġiku. Wara ngħatajna l-permess biex isiru mill-parroċċi kollha, u dan l-aħħar, minħabba żjieda fil-każijiet ta' persuni nfettati, l-Isqfijiet ħabbrulna li l-pellegrinaġġi bl-istatwa titulari m'għandhomx isiru. F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalkemm saru diversi preparamenti li kull darba kellhom jinbidlu, ma għandniex naqtgħu qalbna, iżda għandna nħarsu 'l quddiem għal żminijiet u futur aħjar mingħajr ma narmu s-sabiħ li din is-sena wkoll offritilna.

Mhux fit-18 ta' April kif kien ippjanat, imma fid-29 ta' Ġunju 2020, wara iktar minn 50 sena, raħalna beda jgawdi minn grazzja ġdida: Dun Tony Pace li ġie ordnat saċerdot. Nifirħulu u nkomplu nitolbu għalih sabiex ikompli jaħdem u jagħmel il-ġid fl-għalqa tal-Mulej bħala għodda maħtura tiegħu.

Nhar id-19 ta' Awwissu huwa l-jum li fih il-qniepen tal-parroċċa tagħna, maħdumin fil-fonderija ta' Prospero Barigozzi ta' Milan, jagħlqu 100 sena mid-dedikazzjoni tagħhom. Dan kien it-tieni xogħol li din il-fonderija ħadmet ġewwa pajjiżna. Fl-imgħoddi, qabel

l-invenzjoni tal-mezzi ta’ komunikazzjoni, id-daqq tal-qniepen kien mezz qawwi kif jissejħu n-nies għal xi ċelebrazzjoni reliġjuża jew kif titwassal aħbar ta’ talb, sew għax-xita u sew għal xi ħadd li jkun għadu kif miet. B’hekk, il-mod kif dawn il-qniepen kienu jindaqqu faċilment seta’ jitwassal il-messaġġ.  Inċidentalment, għalkemm illum il-ġurnata d-daqq tal-qniepen naqqas mill-effikaċja tiegħu, xorta baqa’ jżomm l-irwol partikulari tiegħu, u f’dan iż-żmien tal-pandemija stedinna biex nintebħu bil-ftuħ tal-knisja parrokkjali għal talb privat, biex ngħixu t-Tridu tal-Għid, speċjalment il-ferħ tal-Għid il-Kbir, hekk kif ġew imxandra ċ-ċelebrazzjonijiet immexxija mill-Arċisqof u mwassla fi djarna bil-mezzi tax-xandir tradizzjonali u dawk soċjali, biex nissieħbu għall-quddiesa tal-Ħadd, kif ukoll biex titħabbar xi mewt. Tassew li huwa lingwaġġ partikulari li ta’ min naraw li nibqgħu nifhmuh.

Finalment nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lil kull min qed jagħti sehmu biex il-ħarġa ta’ din is-sena, bil-mod tagħha, setgħet tkun possibbli.



***Infittxu lil Kristu...***
***għax Kristu jfittixna***
*“Jien kuljum nistennik”*





# 100 SENA

MILL-WASLA TAL-QNIEPEN
FIL-PARROĊĊA ĦAL SAFI



Messaġġ mill-Kappillan *Kan. David Farrugia*

## "... Għax meta nkun dgħajjef, dak il-ħin inkun qawwi." [2 Korintin 12, 10b]

*"Dlamijiet ħoxnin inġemgħu fuq il-pjazez, it-toroq u l-bliet tagħna; ħakmu fuq ħajjitna u mlew kollox b'ħemda li ttarrax u vojt tal-mewt, li kull fejn jgħaddi jipparalizza kull ħaġa: jinħass fl-arja, jidher fil-ġesti, tgħidu kull ħarsa. Erġajna sibna ruħna mbeżżgħa u mifxula."* Dan kien sewwasew il-kliem li bih Papa Franġisku nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2020 uża biex jibda jiddeskrivi ż-żmien qawwi tal-pandemija Covid-19 waqt il-*Mument Straordinarju ta' Talb fi Żmien ta' Pandemija* u li ntemm bil-Barka *"Urbi et Orbi"*. Tassew mument straordinarju, mhux biss il-kliem u l-ġesti tal-Papa, imma saħansitra s-sitwazzjoni hekk imsejħa 'surreali' li għexna, u sa ċertu punt għadna qed ngħixu. Quddiem il-qilla ta' din il-pandemija, bħal għadu tant inviżibbli imma tant preżenti u kiefer, bosta kienu li daru lejn Alla u talbuh, kif ukoll li sejħu l-interċessjoni tal-Qaddisin, speċjalment dawk li fit-tradizzjoni Nisranija insibuhom bħala qaddisin protetturi, speċjalment fi żmien ta' mard qalil jew ta' theddid minn xi għadu: Santu Rokku, San Sebastjan, San Ġorġ, u tant qaddisin oħra. Imma żgur ma jistax jonqos missierna San Pawl, li wkoll jiġi msejjaħ b'qawwa, speċjalment minna l-Maltin.

**Fid-dgħufija, il-qawwa**

Papa Franġisku, waqt li kkummenta l-Vanġelu ta' Ġesù li jikkalma t-tempesta, irrimarka li bħalma ġara lid-dixxipli, *"it-tempesta tikxef il-vulnerabbiltà tagħna u dawk iċ-ċertezzi foloz u tal-qoxra li bihom bnejna l-aġendi tagħna, il-proġetti tagħna, id-drawwiet u l-prijoritajiet tagħna. Turina kif ħallejna jorqod u warrabna fil-ġenb dak li jagħti l-ħajja, iwieżen u jqawwi lil ħajjitna u l-komunità tagħna. ... Bit-tempesta, waqgħet il-maskra tal-isterjotipi li biha għattejna l-"jien" tagħna dejjem ħsiebu kif ħa jidher; u baqgħet mikxufa, għal darb'oħra, dik l-(imbierka) appartenenza komuni li ma nistgħux naħarbu minnha: l-appartenenza bħala aħwa ta' xulxin."*

U kieku San Pawl kellu jikkumenta fuq dan il-kliem, żgur li kien ikompli jżid ġmielu, u jkellimna anke mill-esperjenzi ta' ħajtu. Forsi bħala Maltin, moħħna mill-ewwel imur għat-tempesta li biha spiċċa nawfragat f'Malta. Iżda aħna l-Ħalsafin, li tant nimmeditaw u niffesteġġjaw il-konverżjoni tiegħu, ta' min nagħrfu li l-ewwel darba li ġie wiċċ imb'wiċċ sewwa mar-realtajiet li jsemmilna Papa Franġisku kien sewwasew

fit-*tempesta personali* li qalbitlu ħajtu ta' taħt fuq, hekk kif kien fi triqtu lejn Damasku: dawl għamieh, sama' s-sejħa, waqa' fl-art, qajmuh u ħaduh Damasku, u wara diversi jiem tgħammed u rċieva d-dawl ġdid wara li tgħammed minn Ħananija.

**San Pawl: figura u espressjoni ċara u qawwija ta' din il-verità**

Tassew San Pawl beda jiltaqa' mal-vulnerabbiltà, mad-dgħufija umana tiegħu u ta' kull bniedem, li wassluh biex jiffaċċja ċ-ċertezzi foloz u tal-qoxra. Waqt li d-drawwiet u l-prijoritajiet tiegħu bħal donnhom tgerfxu, bdiet tinkixef għalih, u bih nistgħu ngħidu wkoll, għal kull Nisrani, *l-appartenenza komuni, l-appartenenza bħala aħwa ta' xulxin.* Alla nqeda b'Ħananija, li għall-bidu beża' u rreżista, biex Sawlu ta' Tarsu jibda jgħix fi Kristu, jew aħjar biex *Kristu jibda jgħix fih,* u jasal jagħmel stqarrija qawwija u li ta' min inħalluha timmarkalna aktar ħajjitna: *"... Meta nkun dgħajjef, dak il-ħin inkun qawwi."* [2 Kor. 12, 10b]. Hu ġarrab u fehem sewwa, u għalhekk seta' u għadu jista' jgħallimna bis-sħiħ li s-sitwazzjonijiet ta' miżerja umana huma għal Alla okkażjoni tassew qawwija ta' ħniena. Għax din hija l-qawwa ta' Alla: kapaċi jibdel f'tajjeb dak kollu li jiġrilna, imqar il-ħwejjeġ koroh. Huwa jikkalma l-irwiefen tagħna, għax ma' Alla l-ħajja ma tmut qatt. Iżda jeħtieġ li nilqgħu s-sejħa li jagħmlilna għall-fidi, dik li ċċaqlaqna biex nafdaw dejjem aktar FiH, dik li tistedinna, anzi tisfidana, biex inqumu u nħaddmu s-solidarjetà u t-tama li kapaċi jimlew bil-qawwa, kapaċi jwieżnu u jagħtu tifsira lill-ħajja personali tagħna kif ukoll lil dik ta' tant nies madwarna.

**Sena stramba imma li ta' min nagħrfu nitgħallmu minna wkoll**

Għaldaqstant, waqt li niflu sewwa din is-sena, veru li għaddejna minn żmien qawwi ta' iżolament li fih ġarrabna diversi diffikultajiet, bħan-nuqqas tal-ġesti ordinarji u tal-laqgħat komuni tagħna, u ta' tant affarijiet li noħduhom *for granted,* imma ejjew nammettu wkoll u nagħrfu kemm spikkaw qawwija l-interess f'xulxin u għal xulxin: min jaħdem fil-qasam tas-saħħa u tal-anzjani wera dedikazzjoni u dixxiplina kbira biex jibqa' jkun ta' sostenn, speċjalment dawk li ġew milquta mill-virus; min iċempel lill-familjari u lill-ġirien biex jara kif inhuma u jekk humiex bżonn xi ħaġa; min jagħti ideat u jieħu inizjattivi biex possibbilment familji ma jbatux ġuħ minħabba nuqqas ta' xogħol u finanzi; min jipprova jgħin kif jista' fl-edukazzjoni tat-tfal, speċjalment l-għalliema li b'sagrifiċċju minn djarhom ippruvaw ilaħħqu mat-tagħlim ta' uliedhom, mal-faċendi tad-dar, u mat-tagħlim tat-tfal tal-klassi; u nistgħu nibqgħu nsemmu. Verament kellna nadattaw u xi drabi anke nivvintaw kif inżommu kuntatt ħaj ma' xulxin, xi drabi anke bi sforzi kbar u tbatija personali, li jgħinuna nitgħallmu u napprezzaw aktar.

**Ngħixu Jum Festa mhux biss ta' Radd il-Ħajr, imma ta' Karità u Ġenerożità**

Għalhekk, jekk is-soltu bħala Parroċċa niċċelebraw festa lil San Pawl mifruxa fuq ġimgħa, din is-sena, dan se nagħmlu dan permezz ta' jum wieħed, iżda li jrid iservi biex matul il-jiem kollha, speċjalment dawk li s-soltu niċċelebraw fihom, niffukaw

biex nimitawh aktar u aħjar. Ħa nsejħu fuqna l-patroċinju tal-Appostlu Missierna Pawlu biex ikompli jifrex dirgħajh fuqna lkoll, isejjaħ lill-Ispirtu s-Santu fuqna biex jimliena bil-qawwa fid-dgħufija tagħna, tkun xi tkun l-għamla tagħha, u biex jagħmilna parroċċa/knisja dejjem aktar Pawlina, dejjem aktar qawwija fit-tama li toffri. Nitolbu għalhekk b'aktar ħeġġa din is-sena l-interċessjoni tiegħu, ħalli waqt li nibqgħu ngawdu saħħitna, nagħrfu niddedikawha aktar biex nikbru u nimmaturaw fl-imħabba tagħna lejn l-oħrajn kif uriena u riedna nagħmlu l-Mulej Ġesù, li fih u bih nistgħu naraw kif *"Alla għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija; għażel il-mistmerra mid-dinja u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn 'il dawk li huma xi ħaġa"* [1 Kor. 1, 27-28].

U jalla, din is-sena, nagħmlu aktar tagħna l-kliem li normalment jitkanta fl-Antifona hekk sinonima magħna l-Pawlini, sabiex jibqa' jħarisna minn kull periklu tar-ruħ u l-ġisem, u jmexxina fit-triq tal-grazzja u tal-fejqan:

***Sancte Paule Apostole, predicator veritatis, et doctor gentium,***
Appostlu San Pawl, xandâr tas-sewwa u mgħallem tal-ġnus,
***intercede pro nobis ad Deum, qui te elegit.***
idħol għalina quddiem Alla li għażlek.

Viva San Pawl u l-Festa t-Tajba lil kulħadd!


**Cassar Florist & Bargain Shop**
(Taz-Zizzu)

*For your: Wedding Flowers, Holy Communion, Head-dresses, Engagement Parties, Funerals, Wedding Invitations, Souvenirs, Tulle & Accessories for all occasions.*

**Triq G. Mattew Callus, Żurrieq**
**Tel. Shop: 2164 0501**
**Mob: 9946 7457, 9989 7385**





# For Domestic & Industrial Projects

All Types of Aluminium & Double Glazing

• Available in Different Colours • Automated Doors

• Insect Screens • Louvres • Skylights

• Arched Windows & Doors Blinds

*Free Advice & Quotations*

EXPRESS ALUMINIUM LIMITED

**Express Bldg, Triq l-Imdina, Żebbuġ ŻBĠ 9018**
**Tel: 21 461 078, 21 465 110 Mob: 99 595 318**
**Fax: 21 465 798 Web: www.expressaluminium.com**






## Dun Tony Pace – Ordnat Presbiteru
**- Minn abbati għal soċju tal-Museum, għal missier ta' familja, għal saċerdot**

*Dun Tony Pace*

Fid-29 ta' Ġunju li għadda (2020) il-Mulej għogbu mill-ġdid ixerred fuqi grazzji kbar meta, flimkien ma' 9' djakni oħra, ġejt ordnat bħala presbiteru fil-Knisja Kattolika.

1. **IT-TFULIJA** – Twelidt il-Gudja fil-25 ta' Ġunju 1953, iben Lonzu Pace li kien *shipwright* ġewwa t-Tarzna u Ġużeppa née Zammit li kienet ġejja minn familja ta' bdiewa. Fi tfuliti kont abbati fil-knisja parrokkjali ta' raħal twelidi. Wara li temmejt l-iskola Primarja tar-raħal komplejt nistudja ġewwa l-Iskola Teknika San Ġużepp Ħaddiem ta' Raħal Ġdid.

2. **IŻ-ŻGĦOŻIJA** – Kont attiv ħafna fis-soċjetà tal-Museum ta' Dun Ġorġ Preca. Meta kelli 16-il sena u allura kont Kandidat, intlabt biex nibda nagħti daqqa t'id fil-qasam ta' Ħal Safi fejn bqajt attiv sa' meta kelli 24 sena.



***Hike għat-tfal tal-Museum - 1975***

3. **FID-DINJA TAX-XOGĦOL** – Ta' 18-il sena dħalt naħdem bħala *Time-Study Engineer* fil-*Malta Rubber*. Ħdimt ukoll bħala pustier mal-Gvern. Ta' 24 sena bdejt kors l-Università fil-Baċellerat tal-Edukazzjoni minn fejn iggradwajt bħala għalliem fl-1981. Għallimt fl-Iskejjel Primarji taż-Żejtun u ż-Żurrieq, u wara fil-Liċeo Maria Regina, fl-Iskola Sekondarja l-Marsa u fil-Liċeo ta' Kordin. Wara sirt Uffiċjal Edukattiv inkarigat mill-Iskejjel Primarji tal-Gżejjer Maltin.

4. **IL-FAMILJA** – Fl-1982 iżżewwiġt lil Joan née Dalli li kienet mill-Gudja wkoll u ġejna noqogħdu Ħal Safi fejn kellna 3 ulied: Pauline, David u Deborah.

5. **IL-VOLONTARJAT** – Ftit wara li ġejna noqogħdu Ħal Safi, ġie nieqes wieħed mill-organisti li kellha l-parroċċa, Filomen Cachia. Il-kappillan Dun Michael Agius talabni nibda nagħti daqqa t'id fil-parroċċa. Kien hawn li beda jifforma l-Kor Sine

Macula li sal-lum għadu attiv fir-raħal u anke barra mir-raħal. Kelli sehem ukoll fit-twaqqif tal-Banda San Pawl, fejn flimkien ma' Ninu Busuttil u Sylvana Camilleri trawmu l-ewwel bandisti mir-raħal. Fil-fatt, il-Banda San Pawl tat l-ewwel programm mużikali tagħha fil-pubbliku taħt id-direzzjoni tiegħi nhar l-24 ta' Diċembru 1989, fejn akkumpanjata mill-Kor Sine Macula tellgħet programm ta' *carols* tal-Milied.

6. **IL-MUŻIKA** – Segwejt kors ma' Mro Dr Charles Zammit ta' Ħal Luqa fit-Teorija u l-Kompożizzjoni li wassluni biex akkwistajt il-Liċenzjat. Minbarra s-sehem fil-liturġija tal-parroċċa ta' Ħal Safi, kont ukoll Maestro di Cappella ta' diversi festi Maltin, fosthom il-festa ta' Santa Marija l-Gudja, tal-Madonna Tal-Karmnu ż-Żurrieq, il-Madonna ta' Lourdes il-Qrendi, Santu Wistin il-Belt Valletta, u l-Madonna tal-Ġilju l-Imqabba.

7. **IL-PREMJU ONORiFIĊENZA** – F'April 2013, għall-okkażjoni ta' Jum Ħal Safi, intgħatajt il-Premju Onorifiċenza mill-Kunsill Lokali, bħala rikonoxximent tax-xogħol imwettaq mal-komunità Ħalsafija fl-oqsma mużikali u kulturali.

8. **IS-SEMINARJU** – Marti Joan marret tiltaqa' mal-Ħallieq f'Awwissu 2013. Wara dixxerniment, kors fil-Filosofija u t-Teoloġija fl-Università u kors ta' formazzjoni s-Seminarju, fid-29 ta' Ġunju 2020 ġejt ordnat bħala presbiteru (saċerdot) fil-Knisja Kattolika.

9. **IL-MANDAT TAL-ARĊISQOF** – Bħala djaknu kont ġejt assenjat nagħmel esperjenza fil-Parroċċa ta' Santa Luċija. Nhar il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2020, proprju meta għalaqt 67 sena, Mons. Arċisqof għarrafni bil-mandat biex issa nibda nservi fil-parroċċi tal-Gudja u ta' Ħal Safi.

10. **IT-TOROQ TAL-MULEJ** – Is-saċerdozju huwa grazzja kbira li l-Mulej, mhux għax jistħoqqilna, jogħġbu jmexxina lejha. Kienet il-grazzja tal-Mulej u xejn aktar li mexxietni fit-toroq misterjużi Tiegħu. Kull sejħa tiġi dejjem mingħand il-Mulej u din tintgħatalna dakinhar tal-Magħmudija. Jinbidel biss il-mod kif nirrispondu għas-sejħiet illi Hu biss jagħmlilna minn żmien għal żmien u f'perjodi differenti ta' ħajjitna, dejjem skont iċ-ċirkostanzi li nkunu fihom.



11. **IL-FUTUR** – B'umiltà u fiduċja sħiħa fil-Mulej, issa nitlob biss li nkun strument f'idejH għat-tixrid tal-Bxara t-Tajba. Jalla dejjem, fi kliem San Ġwanni Pawli II, jien flimkien mas-saċerdoti kollha nkunu dejjem *"saċerdoti għal qalb il-Mulej"*.

**Hawn jien Mulej ġej nagħmel ir-rieda tiegħek!**




Johnny Holidays
Travel Centre

John Zammit

***Incoming Travel Agency***

Triq il-Bronja
Żurrieq
**MALTA**

Tel: (+356) 2164 7647
Mob: (+356) 7944 4082
Fax: (+356) 2164 7640
e-mail: info@johnnyholidays.com
**www.johnnyholidays.com**




V. Spiteri

VSS

& Sons Ent. Ltd.




TRANSPORT SERVICE: Fully Air Conditioned Vehicles

- Open Top Buses
- Coaches
- Midi Coaches
- Super Low Floor Buses - accessible for disabled & elderly people
- Mini Buses ...

seating capacity up to 74 seats

Importers of VOLVO Bus & Truck - Parts & Diagnostic
HISPACOLD Air Conditions
IRIZAR Coaches
BOCK Compressors

29, 'Gratiae Plena',
Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra
Luqa LQA 1011
Tel: 2182 0749 Mob: 9946 4405
Email: info@vss.com.mt






## Diskors mill-Moderatur tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-ewwel quddiesa ta' Dun Tony Pace

*Tarcisio Barbara*

Dan id-diskors sar fit-tmiem tal-ewwel quddiesa li saret minn Dun Tony Pace għall-Membri tal-istess KPP u l-Għaqdiet tal-Parroċċa fil-Knisja ta' Ħal Safi nhar l-Erbgħa 1 ta' Lulju 2020.



Għeżież Parruċċani

Tony kien rigal kbir għar-raħal tagħna.
Wara li ġie mill-Gudja, rabba familja f'Ħal Safi kif għamilna aħna.

Mill-ewwel beda jagħti kontribut kbir lis-Soċjetà tal-Mużew, fejn uliedna kienu jmorru u għadhom imorru, u gawdew mill-għajnuna li ta, speċjalment bis-sehem tiegħu fil-purċissjonijiet tal-Milied.



***Waqt l-Offertorju Dun Tony Pace ġie rregalat Kalċi u Patena, li ġew mill-Membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali flimkien ma' xi membri oħra tal-Għaqdiet.***

Kien strumentali flimkien ma' oħrajn fit-twaqqif tal-Banda San Pawl ta' Ħal Safi, li sal-lum għadha tagħti kontribut fir-raħal tagħna.

Dan ma kienx biżżejjed il-għaliex irnexxielu jwaqqaf il-Kor Sine Macula, li kif tafu huwa wieħed mill-aħjar Korijiet f'Malta. Huwa mexxa dan il-Kor bħala Surmast għal numru ta' snin.

Issa, wara li romol, għamel pass ieħor u daħal fis-Saċerdozju, u hekk Ħal Safi flimkien ma' postijiet oħrajn se jibbenefikaw mis-servizzi li se jagħti.

Jiena, f'isem il-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-poplu ta' Ħal Safi, nawguralu u nixtieqlu għomor twil ħalli jibqa' jagħmel il-ġid.








# Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2019-2020

Għaddiet sena oħra minn mindu tajna ħarsa dettaljata u estensiva lejn tant proġetti ta' manutenzjoni u restawr li jkunu qed jitwettqu fil-proprjetajiet tal-parroċċa tagħna. Għaldaqstant, bħal kull sena, permezz ta' din il-kitba nixtieq nagħtikom rendikont ta' dak li jkun twettaq f'dawn l-aspetti ħalli wieħed ikun jista' jasal jirrealizza u japprezza aktar x'responsabbiltà għandna lkoll biex nieħdu ħsieb il-patrimonju storiku, reliġjuż, kulturali, u soċjali li għandna, waqt li jagħraf ukoll fejn qed imorru d-diversi kontribuzzjonijiet finanzjarji li minn żmien għal żmien inkunu mħeġġa nagħtu.

## LAT ESTERN TAL-KNISJA PARROKKJALI

### Manutenzjoni tal-bjut prinċipali tal-knisja

Eżatt kif għaddiet il-festa, il-bjut prinċipali reġgħet saritilhom xi manutenzjoni u taħlib biex inkomplu nassiguraw li jkunu protetti mill-ilmijiet u elementi oħra. Saret ukoll alterazzjoni fil-kanen biex l-ilma tax-xita ma jibqax jaqa' fuq il-bjut tal-knisja u mbagħad kollox għal fuq il-bejt tas-sagristija. Dan ix-xogħol sar mis-Sur Pawlu Busuttil b'mod volontarju, fejn hu stess għamel tajjeb għall-ispejjeż.

### Manutenzjoni tal-bibien tal-knisja

Ingħatat dawra lil dawn il-bibien, fejn ix-xogħol tal-brix u l-verniċ sar mis-Sur Joe Ellul u sewa €350.

### Manutenzjoni tad-dawl tal-knisja li jinsab fuq iz-zuntier

Il-Kunsill Lokali reġa' ħa ħsieb iqabbad lis-Sur Paul Busuttil biex id-dawl li jixgħel il-ħitan esterni tal-knisja parrokkjali jiġi rranġat.

### Tħawwil u tisqija ta' xtieli ġodda fuq iz-zuntier

Minn żmien għal żmien, il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb li jinbidlu x-xtieli morda u niexfa li hemm fi ħwat apposta fuq iz-zuntier ma' oħrajn ġodda, waqt li baqgħu jissaqqew matul is-sena.

## LAT INTERN TAL-KNISJA PARROKKJALI

**Tiswija ta' 2 Fannijiet għall-knisja**

Lejn il-bidu ta' Settembru issewwew 2 fannijiet bl-ispiża tkun ta' €7.68.

**Tiswija tas-Siġġijiet**

Tkompla xi xogħol tat-tibdil u tiswija tas-siġġijiet b'mod volontarju mis-Sur Paul Busuttil.

**Manutenzjoni tal-Arloġġ tal-Knisja**

Lejn l-aħħar ta' Settembru 2019, is-Sur Stephen Zammit għamel manutenzjoni fuq l-arloġġ prinċipali tal-knisja, li kien qed jieqaf. L-ispiża kienet ta' €35.

## AFFARIJIET LITURĠIĊI

**Damask *canavazzo d'oro* – Abjad – Pjaneta**

Wara li s-sena li għaddiet inxtara drapp *canavazzo d'oro* ta' kulur abjad mal-gallun u l-frenza għalih mingħand *Betlehem Bazaar - Scerri Art Studio* biex minnu nħietu ventartal, purtiera għat-tabernaklu, sopraleġiju għal-Leġiju tas-sedja taċ-ċelebrant, u kanipew, fil-lejl tal-Milied 2019 iżżanżnet il-pjaneta, biex hekk seta' jingħalaq dan il-proġett. Is-Sinjura Tessie Magri ħadet ħsieb il-ħjata tagħha bħall-kumplament.

**Tiswija ta' Rħam ta' xi Altari**

F'Ottubru u Novembru 2019, is-Sur Anthony Busuttil (Ta' Kaspan) ħa ħsieb isewwi b'mod volontarju xi rħam li kien qed jinqala', kemm mill-altar tal-Kunċizzjoni (miz-zokklu ta' lewn iswed) u kemm mill-altar maġġur (miz-zokklu ta' lewn iswed u xi rħam safrani wkoll).

**Tiswija ta' 3 Leġiji tal-Injam**

F'Mejju 2020, is-Sur Anthony Abdilla ħa ħsieb isewwi u jillostra b'mod volontarju 3 leġiji tal-injam li fuqhom joqgħod il-Missalin tal-Quddiesa fuq l-Altar.

**Xiri ta' 5 xemgħat għall-Girlanda tal-Avvent u dawra lill-arranġamenti tal-fjuri artifiċjali li jintramaw fuq l-altari fil-Milied**

Lejn l-aħħar nofs ta' Novembru 2019, inxtara sett ta' 5 xemgħat (3 vjola, 1 roża, u 1 bajda) tal-Girlanda tal-Avvent mingħand *Betlehem Bazaar*, u s-Sur Brian Camilleri ta' *Il-Warda* ġie mqabbad idur dawra l-arranġamenti tal-fjuri artifiċjali li jintramaw fuq l-altari ta' madwar il-knisja għall-festi tal-Milied. L-ispiża għal dawn l-affarijiet marbuta mal-Avvent u l-Milied kienet ta' €210 (€30 xemgħa u €180 fjuri).

**Adattament ta' Niċċa-Armarju ġdid għall-Bankun tal-Furċini**

Meta nġieb il-Bankun il-ġdid tal-Furċini, ittieħdet id-deċiżjoni li dan jibda jintrafa' qrib il-bradella u l-bankun u għaldaqstant li jieħu post il-Ġilandra tal-Milied, li kienet tintrafa' f'armarju fil-ħajt fis-Sagristija l-antika. Għaldaqstant, lejn il-bidu ta' Ottubru 2019, is-Sur Anthony Busuttil (Ta' Kaspan) ħa ħsieb iwaħħal irħama biex isservi ta' bażi fejn iserraħ dan il-bankun. Dan għamlu senza interessi. Is-Sur Ninu Abdilla flimkien mas-Sur David Spiteri ħadu ħsieb ifasslu u jwaħħlu folji tal-*gypsum* fil-ġnub u d-dahar ta' dan l-armarju fil-ħajt li ġew miżbugħin kulur il-ġebla. Ninu ħadem ukoll xambrella u bieba tal-injam u l-*perspex* biex jissiġillaw kollox ħalli ma jidħolx trab. Il-*perspex* ingħatat mis-Sinjuri Noel u Carmen Bonnici tal-*Express Aluminium*. Is-Sur Pawlu Busuttil ħa ħsieb jgħaddi d-dawl. Dan il-proġett tlesta għal nofs Jannar 2020 u kollox sar gratis. ***(Ara nru. 1)***

**Niċċa-Armarju ġdid għall-Ġilandra tal-Milied**

Lejn il-bidu ta' Settembru 2019, is-Sur Anthony Abdilla, flimkien ma' ibnu Edwin, ħa ħsieb ifassal u jaħdem Niċċa-Armarju ġdid li jikkumplimenta l-għamara tas-sagristija sabiex tibda tintrafa' l-ġilandra restawrata li normalment tintrama fuq l-Altar Maġġur fi żmien il-Milied u li fiha joqgħod il-Bambin Ġesù. Is-Sur Vincent Cutajar ħa ħsieb ifassal u jaħdem *brackets* tal-ħadid biex din tkun tista' teħel mal-ħajt. Din in-Niċċa-Armarju twaħħlet f'postha fis-Sagristija minflok in-niċċa tar-Redentur (li sabet postha fis-Sagristija l-antika) lejn l-aħħar ta' Settembru u l-bidu ta' Ottubru 2019. L-ispiża tal-injam u l-ħġieġ kienet ta' €288, filwaqt li l-ħadid ġie jiswa €90. ***(Ara nru. 2)***

**Restawr u Konservazzjoni tal-Ġilandra li tintrama fuq l-Altar Maġġur fi żmien il-Milied**

Lejn nofs Diċembru 2019, l-*Atelier del Restauro* temmew proċess ta' restawr u konservazzjoni fuq il-Ġilandra li normalment tintrama fuq l-Altar Maġġur fi żmien il-Milied u li fiha joqgħod il-Bambin Ġesù. L-ispiża għal dan ir-restawr kienet ta' €4,466.50. Meta nġiebet lura bdiet tintrafa' u titgawda fis-Sagristija. ***(Ara nri. 2 u 3)***

**Restawr u Konservazzjoni tar-Raġġiera li tintrama mal-Ġilandra tal-Milied**

Lejn nofs Mejju 2020, ir-raġġiera li tintrama mal-Ġilandra tal-Milied ittieħdet għar-restawr u l-konservazzjoni meħtieġa għand l-*Atelier del Restauro*, bil-ħsieb li din titlesta sal-Festi tal-Milied. L-ispiża għal dan ir-restawr li għaddej hi stmata li tkun €4,696, liema ammont se jitħallas permezz ta' donazzjoni ta' benefattriċi li xtaqet tibqa' anonima. ***(Ara nru. 4)***

**Restawr u Konservazzjoni tat-Tużellina tal-Vjatku li tintrama fuq l-Altar Maġġur f'Ħadd il-Palm**

Lejn il-bidu ta' April 2020, l-*Atelier del Restauro* temmew proċess ta' restawr u konservazzjoni fuq it-Tużellina tal-Vjatku li mis-sena li għaddiet bdiet tintrama fuq

l-Altar Maġġur f'Ħadd il-Palm u li fiha joqgħod ir-relikwarju tal-fidda tal-*Vero Legno*. L-ispiża għal dan ir-restawr kienet ta' €770. ***(Ara nru. 5)***

**Tindif u biċċiet ġodda tal-fidda tar-relikwarju tal-fidda tal-*Vero Legno***

Lejn il-bidu ta' April 2020, is-Sur Josef Aquilina, arġentier miż-Żejtun, lesta ħidma ta' tindif fuq ir-relikwarju tal-fidda tal-*Vero Legno* u ħa ħsieb jadattah biex jintrabat, mingħajr ma' ssir l-ebda ħsara, ma' biċċiet ġodda tal-fidda, aktar baxxa u li tippermetti li dan ir-relikwarju forma ta' salib ikun jista' joqgħod fit-Tużellina tal-Vjatku f'Ħadd il-Palm. L-ispiża għal dan ir-restawr kienet ta' €485. ***(Ara nru. 6)***

**Inkwatri ġodda għal disinni li huma esebiti fis-Sagristija l-Antika**

Is-Sur Josef Mifsud ħa ħsieb jordna diversi *frames* biex għadd ta' disinni, fosthom tal-bankun il-ġdid tal-Furċini, u ta' xi ventaltari rrakkmati, ikunu jistgħu jiġu esebiti fis-Sagristija l-antika u jikkumplimentaw oħrajn li diġà hemm. Saret ukoll rilokazzjoni tagħhom biex jitgawdew aħjar. Il-gwarniċi tlestew lejn il-bidu ta' Diċembru, bl-ispiża tkun ta' €471.

**4 Globi antiki għax-xemgħat tal-konsum li jinxtegħlu 2 fuq l-Altar Maġġur u 2 fuq l-Altar Mejda**

Is-Sinjura Tessie Magri irregalat 4 globi antiki għax-xemgħat tal-konsum li jinxtegħlu 2 fuq l-Altar Maġġur, u 2 fuq l-Altar-Mejda.

**Tindif tal-Gandlieri flimkien mal-Ventaltar tal-Fidda tal-Altar Maġġur, li lkoll jintramaw fil-jiem tal-Festa *(Ara nru. 7)***

Fuq inizjattiva tal-Kappillan u xi *helpers*, bejn Lulju u Awwissu 2020, ġew imnaddfa l-gandlieri – 6 prima, 6 sekonda, u dak tas-salib – flimkien mal-Ventaltar tal-fidda li lkoll jintramaw fil-jiem tal-Festa fuq l-altar maġġur. Ix-xogħol sar b'mod volontarju.

**Lavadita tal-Fidda għall-altar Maġġur għal żmien il-Festa**

F'Jannar 2020 inxtrat *lavadita* tal-fidda mingħand ħanut tal-antikitajiet f'Birkirakara, *The Maltese Antiquarian*, għall-prezz ta' €700 biex tikkumplimenta l-armar tal-altar għaż-żmien tal-festa. Is-Sur Josef Aquilina, arġentier miż-Żejtun tqabbad jagħtih tindifa u jirranġa u jibbanja bid-deheb il-warda li għandha fuqha; żamm €75 ta' dan ix-xogħol. Dan ingħata bħala rigal lill-knisja parrokkjali mis-saċerdot novell Dun Tony Pace waqt waħda mill-ewwel quddies tiegħu, dik li fiha kien hemm il-preżenza tal-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, u l-għaqdiet tal-parroċċa u dawk ċivili, nhar l-Erbgħa 1 ta' Lulju 2020. ***(Ara nru. 8)***


1

2

4

3

5

6

7

8

**Ħġieġa speċjali għall-bieba fejn jinżamm ir-Relikwarju antik ta' San Pawl**

Lejn Ġunju 2020, l-*Atelier del Restauro* għaddewlna ħġieġa speċjali biex tipproteġi mit-trab u raġġi partikulari tad-dawl lir-Relikwarju antik ta' San Pawl li ġie rrestawrat fl-2017 u li jinsab fuq l-altar tal-kor. L-ispiża kienet ta' €25. Twaħħlet f'postha mis-Sur Anthony Abdilla.

## IL-KAPPELLA TA' SANTA MARIJA

**Approvazzjoni tar-Restawr u l-Konservazzjoni tal-Lat Estern tal-Kappella ta' Santa Marija mid-Direttorat tar-Restawr taħt il-Ministeru tal-Kultura**

F'Jannar 2020 tħabbar li ġie approvat li se jsir xogħol ta' restawr u konservazzjoni fuq il-Lat Estern tal-Knisja ta' Santa Marija, liema proġett se jkun possibbli permezz tal-iskema ta' Proġetti ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi.

**Xogħol mid-Direttorat tar-Restawr li wettaq intervent fuq il-Lat Estern**

Lejn nofs Marzu 2020 inbeda x-xogħol preparatorju ta' *surveying* relatat mar-restawr u l-konservazzjoni fuq il-Lat Estern tal-Knisja ta' Santa Marija. Dan ix-xogħol preparatorju tmexxa mis-Sur Bernard Testa u l-ħaddiema tad-Dipartiment tar-Restawr.

**Konservazzjoni ta' diviżorju tal-Qrar, magħruf bħala tat-Tfal**

Wara li s-sena li għaddiet sar tindif taċ-Ċentru Parrokkjali, id-diviżorju tal-Qrar, magħruf bħala tat-Tfal, ittieħed biex jingħata trattament kontra l-kamla. Wara li nġieb lura, is-Sur Anthony Abdilla ħa ħsieb jirranġa xi partijiet neqsin u jagħtih xi passati xellak biex ikun jista' jerġa' jibda jitgawda fil-kappella ta' Santa Marija, faċċata tal-Pulptu.

## ID-DAR PARROKKJALI

**Manutenzjoni ta' Fili miftuħin**

Lejn nofs Frar 2020, is-Sur Tarcisio Caruana ġie mqabbad ikaħħal xi fili maqlugħin fuq it-terrazzin intern tad-Dar Parrokkjali, u tikħil ta' fili fis-sular t'isfel, apparti kanna ġdida biex tidderiġi l-ilma tax-xita mit-terrazzin għall-bitħa. L-ispiża telgħet għal €550.

**Tibdil tal-Arblu u l-Apparat estern tal-Vodafone Antenna**

Wara diskussjoni u l-permessi meħtieġa, lejn nofs Frar 2020, ħaddiema tal-kumpanija *Vodafone Malta* ġew jibdlu l-arblu u l-apparat estern tal-Antenna li hemm fuq il-bejt tad-dar parrokkjali.

**Tibdil tal-*Bolards* ta' quddiem il-Bieb prinċipali**

F'inċident li seħħ lejn il-bidu ta' Diċembru 2019, karozza qatgħet il-*bolards* ta' quddiem il-Bieb tad-Dar-Uffiċċju Parrokkjali. Kien lejn nofs Frar 2020 li l-bażijiet li kien għad fadal ingastati fl-art inqalgħu u twaħħlu bolards ġodda mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali.

## L-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

***Keychains* u *Labels* ġodda għaċ-Ċwievet tal-Proprjetajiet tal-Parroċċa**

Matul Lulju u l-bidu ta' Awwissu 2020, il-Kappillan flimkien ma' xi voluntiera ħadu ħsieb jixtru *keychains* (€45) u jagħmlu *labels* għalihom biex iċ-ċwievet tal-proprjetajiet tal-Parroċċa, bħalma huma l-Knisja Parrokkjali, il-Knisja ta' Santa Marija, id-Dar Parrokkjali, iċ-Ċentru, iċ-Ċimiterju, eċċ. jkunu kollha mmarkati kif suppost, u dawk li nbidlu maż-żmien jiġu mwarrba.

## IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI

**Xogħol mid-Direttorat tar-Restawr li wettaq intervent fuq il-Faċċata**

Fis-7 ta' Mejju 2020 sar l-aħħar xogħol ta' restawr u konservazzjoni fuq il-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali mill-ħaddiema tad-Dipartiment tar-Restawr, fejn kienu tneħħew xi *cables* tal-Enemalta kif ukoll tal-GO plc u ġew mgħoddija taħt l-art.

**Tiswija ta' Ħsara ikkawżata minn ħabta ta' Karozza fil-Faċċata**

Fil-lejl tad-9 ta' Ġunju 2020, karozza baqgħet dieħla fil-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali, eżattament fil-koxxa u l-bieb tal-Kamra magħrufa bħala tad-Djakonija. Fortunatament ħadd ma weġġa' sew f'dan l-inċident. Ġew imqabbda: is-Sur Anthony Abdilla biex flimkien ma' Ibnu jirranġa l-bieb; is-Sur Joseph Busuttil (Ċikinu) biex jirranġa l-ġebel u t-tikħil li sofra l-ħsara; u s-Sur Simon Zaineddin (is-Sirjan) biex iqiegħed irħama ġdida fl-għatba li kienet tkissret. L-ispiża kienet ta' €400 u tħallset minn min wettaq il-ħsara.

**Garaxx li se jservi ta' *Store* għall-Bradella tad-Duluri, it-Taraġ tas-Sepulkru u l-Fannijiet tal-Festa *(Ara nru. 9)***

Is-sena li għaddiet nibet il-ħsieb li l-Garaxx u kamra annessa, li huma parti miċ-Ċentru Parrokkjali, jibdew iservu ta' *Store* tal-knisja parrokkjali, speċjalment biex jintrefgħu l-Bradella tad-Duluri, it-Taraġ tas-Sepulkru, iċ-Ċelu tat-Tużell u l-Fannijiet tal-Festa, fost affarijiet oħra. Wara li s-Sur Pawlu Busuttil għadda d-dawl elettriku, fi Frar 2020 is-Sur Joseph Busuttil (Ċikinu) ħa ħsieb il-kisi tas-soqfa u l-ħitan kif ukoll iż-żebgħa tagħhom. Inxtara madum għall-art mid-ditta *BathLine* ta' Ħal Qormi, u tqiegħed mis-Sur Simon Zaineddin (is-Sirjan). Is-Sur Anthony Abdilla ħa ħsieb ifassal, jaħdem, jixkatla - flimkien ma' Emanuel Camilleri - u jiżba' bieb ġdid tal-injam għal dan il-

9



10



11



12









13



garaxx flimkien ma' manutenzjoni u żebgħa ta' tieqa li tinsab f'kamra annessa. Is-Sur Vincent Cutajar ħa ħsieb ifassal u jaħdem 2 bibien tal-ħadid, wieħed jagħti għal kamra fiċ-Ċentru stess, u l-ieħor għall-bitħa prinċipali. L-ispiża totali għal dan ix-xogħol kollu kienet ta' €4,950.44.

### Manutenzjoni fil-Kamra magħrufa bħala tad-Djakonija, fuq is-Saqaf u l-Ħitan tal-Kċina u s-Soqfa tat-*Toilets*

F'Marzu 2020, is-Sur Joseph Busuttil (Ċikinu) ġie mqabbad ukoll jikxef il-ġebla antika u jkaħħal il-fili flimkien mal-kisi u ż-żbigħ mill-ġdid tas-saqaf tal-Kamra magħrufa bħala tad-Djakonija. Is-Sur Simon Zaineddin (is-Sirjan) ħa ħsieb iqiegħed il-madum kumplimentari għall-art li ġie mixtri wkoll m'għand id-ditta *BathLine* ta' Ħal Qormi. Ma' din ingħataw tibjida wkoll is-saqaf u l-ħitan tal-Kċina u s-Soqfa tat-*Toilets*. L-ispiża kienet ta' €1,750.

## IL-MUSEUM L-ANTIK

### Ftehim mal-Gvern dwar Kiri tal-Proprjetà

Wara li f'Settembru 2019, l-SPML (*Social Projects Management Ltd*) bdew il-proċeduri biex jissottomettu l-pjanti u d-dokumenti neċessarji lill-Awtorità tal-Ippjanar, fis-16 ta' Ottubru twaħħlet in-Notifika mal-Faċċata tal-Bini in kwistjoni sabiex ikun jista' jiġi rranġat u adattat ħalli jibda jaqdi l-funzjoni ta' *Dementia Day Centre & Night Shelte*r. F'Jannar 2020, is-Sur Renzo De Gabriele, Direttur tad-Direttorat tal-Anzjanità Attiva u l-Kura Komunitarja, infurmana li d-Dipartiment tal-Kuntratti approva l-kirja u l-kuntratt tal-kera. Nhar it-12 ta' Frar 2020 l-Awtorità tal-Ippjanar approvat l-Applikazzjoni għal Żvilupp fil-Museum Antik - PA-08126-19 - u nhar it-Tlieta 3 ta' Marzu 2020 fit-3:00 pm ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi sar *Press Event* li fih kien ippreżentat u ffirmat il-kuntratt bejn id-Direttorat tal-Anzjani u l-Kura fil-Komunità f'isem il-Gvern ta' Malta u l-Arċidjoċesi ta' Malta f'isem il-Parroċċa ta' Ħal Safi li bih il-proprjetà 1G, Triq iż-Żurrieq, f'Ħal Safi - magħrufa fostna bħala l-Museum l-Antik tas-Subien - inkriet għal perijodu ta' 25 sena biex issir *Dementia Day Centre u Night Shelter*. B'hekk il-post, li lkoll nafu f'liema stat ħażin kien, speċjalment is-soqfa ta' fuq, se jkun irranġat u rrinovat b'soqfa u xi kmamar ġodda fuq il-bejt, u attrezzat wkoll b'*lift*, fost ħafna affarijiet oħra relatati. L-ispiża għal dan ix-xogħol ta' tiġdid mistennija tilħaq it-€300,000, li kollha se jitħallsu minn fondi pubbliċi. Barra minn hekk, is-servizzi soċjali li se jkun qed joffri se jkunu kollha pprovduti u mmexxija min-naħa ta' dan id-Direttorat. Apparti mill-benefiċċji ta' dawn is-servizzi, bħala Parroċċa bdejna nibbenefikaw ukoll mill-introjtu finanzjarju tal-kera li se jkun qed jippermettilna nibqgħu għaddejjin bi proġetti oħra bżonnjużi. Hekk, finalment, il-proprjetà, li issa ilha snin mitluqa, bdiet titranġa u se terġa' tibda tintuża bi skop soċjali importanti,

waqt li l-Parroċċa tagħna tibqa' l-proprjetarja. Lejn l-aħħar ta' Ġunju u l-bidu ta' Lulju 2020 inbeda x-xogħol ta' rinnovament fuq il-proprjetà. ***(Ara nru. 10)***

## IĊ-ĊIMITERJU

**Tiswija u bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra**

Fil-bidu ta' Novembru 2019, il-Kappillan flimkien mas-Sur Paul Busuttil għal darb'oħra ħadu ħsieb it-tiswija u l-bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra.

**Manutenzjoni tal-bjut tal-kappella taċ-Ċimiterju u tal-kmamar annessi magħha**

F'Jannar 2020, eżatt kif għaddew il-festi tal-Milied, is-Sur Joseph Busuttil (Ċikinu) ħa ħsieb jagħmel manutenzjoni tal-bjut tal-kappella u l-kmamar imissu magħha, kif ukoll mili ta' fili tul id-dawra tal-ħitan esterni tal-kappella u tqegħid mill-ġdid ta' uvola li kienet ġarrbet ħsara b'maltempata s-sena li għaddiet. Ġiet ukoll miżbugħa mill-ġdid il-kappella minn ġewwa, jiġifieri s-saqaf u l-ħitan. L-ispiża kienet ta' €818.

**Manutenzjoni tas-sistema tas-CCTV**

Lejn nofs Frar 2020, saret manutenzjoni fuq is-*CCTV system* taċ-Ċimiterju mid-Ditta *Allsec* ta' Ħal Safi. Inbidlu l-*power supply*, il-*hard drive* u l-batterija tal-*UPS*, u sar *clipping* mill-ġdid tal-*wires* tal-*cameras* fuq barra tal-kappella. L-ispiża kienet ta' €177.

**Tqegħid mill-ġdid ta' Pilastru mill-Faċċata taċ-Ċimiterju**

Wara li f'Diċembru 2019, permezz ta' riħ qawwi li għamel f'nofs ta' lejl, waqa' pilastru minn tal-faċċata taċ-Ċimiterju f'nofs ta' triq, is-sur Joe Busuttil (Ta' Rasputin) ġie mqabbad biex jerġa' jieħu ħsieb iqiegħdu f'postu u jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa. F'Marzu 2020 sar ix-xogħol, fejn s-Sur Vincent Farrugia kellu jaħdem il-partijiet tal-iskultura u l-lavur li kienu tkissru, u f'April 2020 tqiegħed kollox mill-ġdid f'postu. L-ispiża kienet ta' €850.

## IL-PROĠETTI PRINĊIPALI

**Restawr tal-Lanterna tal-Koppla tal-Knisja Parrokkjali**

Qabel il-festa tas-sena li għaddiet (2019) tlabt lil xi nies biex jiġu jispezzjonaw u jagħtuni xi stimi li telgħu bejn €25,000 u €35,000. Tlabt ukoll lis-Sur Innocent, jew magħruf aktar bħala Vince Centurrino, sabiex jiġi, jara, jagħtina l-pariri tiegħu, u jiktbilna rapport. Biss hu dejjem talabni li jkun irid jara l-lanterna mill-qrib. B'hekk, wara l-festa, tlajna flimkien u wara li dorna ma' barra tal-lanterna u ttawwalna fuq ġewwa, bdejna ninnutaw li kien hemm xi ġebel tal-pilastri li beda jitfarrak sewwa. Iddokumentajna

# St. Paul's Dental Clinic

Dolmen Street, Safi

Tel: 27560272 Mob: 79092400



A new, state of the art dental practice offering high quality dental care for you and all your family. Apart from offering the latest cosmetic dental techniques and solutions we are proud to offer you everyday dental treatments in a relaxed and caring environment.


pasteur
PHARMACY
a: Triq it-Tellerit, Safi. SFI 1621
e: pasteur@onvol.net | t: 21/27689944
opening hours:
8.00am to 1.00pm | 4.00pm to 7.00pm
Follow us on
Facebook
www.fb.com/pasteurpharmacysafi

kollox bir-ritratti. Indunajna li din il-ħsara kienet qed tiġi ikkawżata minn diversi fatturi, b'mod speċjali minħabba li l-ħadida tal-kalamita li kienet imwaħħla fuq wara tal-gwarniċun estern fejn jitla' għall-iskutella tal-lanterna, bir-riħ kienet qed taqsam il-ġebel u minn hemm imbagħad kien beda jidħol xi ilma tax-xita mal-fili għal ġewwa u dan jibqa' nieżel sa' isfel. It-taħlita tal-elementi naturali: ir-riħ, il-kesħa, in-nida, u l-ilma tax-xita, u s-sħana li tiġi min-nifsijiet u minn xi xemgħat, saħansitra fix-xitwa, u s-sħana qawwija fis-sajf, ħolqu klima ta' estremi li lill-ġebla għenuha titmermer fi żmien qasir. Bil-għajnuna tas-Sinjuri Alfred Polidano, Emanwel Debono, u Pawlu Busuttil, li offrew li jgħinnu senza interessi, ġiet magħluqa l-lanterna ħalli jkun jista' jsir studju aktar dettaljat u jitħejja pjan ta' azzjoni. Is-Sur Centurrino reġa' ġie jara u kien tal-fehma li b'effett immedjat għandha titneħħa l-kalamita b'mod temporanju, titqaxxar il-lanterna minn ġewwa u minn barra, u l-koppla minn barra, u jinqalgħu t-twieqi. Dan ħalli jiġi evitat kull periklu ta' ġebel li jaqa' mil-lanterna għal taħt, b'mod speċjali fuq l-altar u madwaru, u wkoll biex naċċertaw ruħna dwar fejn qegħdin il-ħsarat prinċipali.

Tħejja wkoll materjal - ritratti u rapporti - biex il-Perit Lino Cachia f'isem il-Parroċċa jressaq l-applikazzjoni formali lill-Awtorità tal-Ippjanar u r-rikors lill-Kurja ħalli nġibu l-permessi sabiex ikunu jistgħu jitwettqu x-xogħlijiet meħtieġa ta' konservazzjoni u restawr. Fis-7 ta' Mejju 2020, l-Awtorità tal-Ippjanar approvat il-konservazzjoni u r-restawr u talbet Garanzija Bankarja ta' €1,200, li ġiet imħallsa f'Ġunju.

Sadanittant, is-Sur Anthony Abdilla, flimkien ma' ibnu Edwin, u s-Sur Anthony Busuttil (Ta' Kaspan) senza interessi ħadu ħsieb jagħtu dawra sewwa lit-twieqi tal-lanterna.

Il-Kunsill Lokali, fuq talba u l-approvazzjoni tiegħi u tal-Kurja, f'Novembru 2019 ressaq applikazzjoni ħalli possibbilment inkunu nistgħu nibbenefikaw mill-iskema ta' restawr ta' postijiet storiċi mnhedija minn *Gal Xlokk*. Lejn nofs Frar 2020 ġejna infurmati li ġie approvat il-massimu tas-somma li din l-iskema tista' toffrilna: €10,000, u lejn nofs Mejju 2020 is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-ftehim mal-Fondazzjoni *Gal Xlokk* li permezz tiegħu l-Parroċċa tagħna se tkun qed tibbenefika. Grazzi lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Fondi Ewropej Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi tal-għajnuna.

Lejn l-aħħar ta' Lulju 2020 inħareġ it-*tender* mill-Kunsill biex ikun jista' jsir dan ix-xogħol. ***(Ara nru. 11)***

**Manutenzjoni tan-Niċeċ ta' San Pawl u tad-Duluri**

Wara li fl-2018 in-niċeċ saritilhom alterazzjoni billi nqalgħu aktar 'il barra l-faċċati tagħhom u nħadmulhom xambrelli tal-injam b'ventilazzjoni adekwata biex jonqos l-ammont ta' umdità, f'Marzu 2020 twettaq ix-xogħol fuq l-intern ta' dawn l-istess

niċeċ. Apparti l-qlugħ tal-*wallpaper* - li kien jagħti impressjoni ta' damask, iżda li estetikament kien itellef mis-sbuħija tal-istatwi - il-brix, it-tikħil mill-ġdid, u ż-żebgħa, saret ukoll alterazzjoni fl-art tagħhom biex twaħħal madum li jagħti impressjoni ta' rħam u li jibqa' l-istess livell u kumplimentari għall-paviment tal-knisja. Dan ix-xogħol kollu ġie fdat f'idejn is-Sur Tarcisio Caruana minn Birżebbuġa. L-ispiża għal dan ix-xogħol kollu kienet ta' €1,250. Dan kollu sar b'konsultazzjoni mad-ditta *Atelier del Restauro*. Issa jonqos isir mill-ġdid id-dawl tan-niċeċ u pedestall pulit fuq ir-roti biex id-Duluri meta tkun fin-niċċa toqgħod fuqu. ***(Ara nru. 12)***

**Tiswija u Induratura ta' 2 Settijiet ta' Gandlieri ta' kuljum**

Fl-aħħar ta' April 2020, is-Sur Joseph Gatt mill-Birgu tana lura sett gandlieri indurat mill-ġdid u li ntrama fuq l-altar tal-Kor, bl-ispiża tkun ta' €3,850 ***(Ara nru. 13).*** F'Ġunju 2020 saret żjara lis-Sur Jason Pace mill-Belt Valletta li qed jieħu ħsieb jindura mill-ġdid is-sett gandlieri li jintrama fuq l-altar tar-Rużarju. Wegħedna li jagħtihomna lura lesti għal Ottubru 2020, bl-ispiża għandha tkun €3,800.

Tajjeb ngħidu li dan kollu sar f'sena li ma kienet faċli xejn, speċjalment minn nofs Marzu 'l quddiem minħabba r-restrizzjonijiet ta' prekawzjoni biex tkun limitata l-imxija tal-COVID-19. Apparti li żdiedu l-ispejjeż marbuta mas-*sanitizing* tal-knisja, naqas id-dħul finanzjarju, kemm mill-ġbir tal-quddies, u kemm minn lotteriji u ħarġiet. Ċertu xogħol li kien ippjanat xorta baqa' għaddej, bil-proċess jieħu aktar fit-tul. Bħal dejjem qatt ma tkun lest u għalhekk matul is-sena li ġejja rridu nkomplu nħarsu 'l quddiem, biex inlestu r-restawr tal-lanterna, nippjanaw dawra lis-saqaf tal-knisja, inlestu n-niċeċ ta' San Pawl u tad-Duluri, u nkomplu bir-restawr tal-Gandlieri ta' kuljum. Dan kollu jiddependi ħafna mill-ġenerożità tagħkom, li mhux biss tidher fid-donazzjonijiet finanzjarji, imma wkoll fid-disponibiltà għall-għajnuna volontarja li tingħata.

Nirringrazzja mill-qalb lil dawk kollha li b'ġenerożità u sagrifiċċju jwettqu bosta xogħol li ta' kuljum jagħmluh b'tant dedikazzjoni mingħajr ħafna daqq ta' trombi: il-ftuħ u l-għeluq tal-knisja, tal-kappella tal-adorazzjoni, u taċ-ċimiterju, il-ħasil tal-knisja parrokkjali u tal-knisja ta' Santa Marija, u t-tindif taċ-Ċentru u ċ-ċimiterju, id-daqq tal-qniepen, l-arranġamenti tal-fjuri, flimkien mal-armar għad-diversi attivitajiet li jsiru, fosthom magħmudijiet, tiġijiet u funerali. Grazzi lil dawk li offrew ruħhom bħala voluntieri biex tkun tista' tinfetaħ u titnaddaf il-knisja biex tkun post sigur anke f'dawn iż-żminijiet partikulari ta' sfida. Napprezzaw aktar għajnuna, speċjalment f'dan il-qasam, u anke fil-ftuħ u fl-għeluq tal-knisja kemm filgħodu u kemm filgħaxija.

**Grazzi kbira lill-voluntieri u lill-benefatturi kollha.**

# Memorji tal-Festa 2019 - 175 sena statwa titulari













## PROGRAMM TA' JUM IL-FESTA 2020

Il-Ħadd 30 ta' Awwissu



Fis-6:45am - Quddiesa.
Fid-9:00am - Quddiesa.
Fis-7:00pm - Quddiesa Solenni kkonċelebrata ta' Jum il-Festa fuq iz-zuntier u l-pjazza quddiem l-istatwa titulari tal-Appostlu Missierna San Pawl li tinħareġ fil-bieb prinċipali tal-knisja. Din ser tkun immexxija mill-Kappillan Kan. David Farrugia, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. Jippriedka r-Rev. Dun Jonathan Debattista, saċerdot novell mill-Parroċċa tal-B.V.M. Annunzjata, Ħal Tarxien. Fi tmiem il-quddiesa, tintalab il-kurunella u titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. Iċ-Ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

XAROLLA
DENTAL CLINIC

Open Monday to Saturday 8.00 - 13.00
Monday to Friday 15.00 - 19.00

facebook.com/xarolladentalclinic

164, Triq Matteolo Saliba, Żurrieq ŻRQ 2021
Tel: 2164 1741
xarolladental@gmail.com



# Rendikont Festa San Pawl 2019

| | |
|---|---|
| **Dħul** | |
| Envelopes u Arbural | € 8,299.00 |
| Ġbir fil-Knisja | € 4,666.00 |
| Reklami għall-Fuljett | € 1,440.00 |
| **Donazzjoni minn żewġ familji għall-Mużika tal-Festa:** | |
| Lejlet | € 300.00 |
| Festa | € 700.00 |
| **Total** | **€ 15,405.00** |

| | |
|---|---|
| **Ħruġ** | |
| Servizzi Liturġiċi | € 250.00 |
| Orkestra tat-Tridu | € 744.00 |
| Orkestra Lejliet u nhar il-Festa | € 1065.00 |
| Orkestra tal-Festa San Pawl (25 ta' Jannar) | € 337.00 |
| Daqq tal-Qniepen | € 180.00 |
| Security | € 173.46 |
| Elettriku - Xiri ta' Bozoz LED | € 3,684.50 |
| Elettriku - Arloġġi (Temporanji) u Konsum | € 1,477.56 |
| Printing tal-Ktieb tal-Festa | € 1,291.50 |
| Donazzjoni lill-Każin tal-Banda San Pawl | € 4,250.00 |
| Sagristan, pedaġġi, trattamenti | € 938.54 |
| Bibien Esterni tal-Knisja: Xkatlar u Verniċ | € 350.00 |
| Restawr u tiswijiet: Gandlieri (x 14) | € 1,300.00 |
| **Total** | **€ 16,041.56** |
| **Żbilanċ** | **€ 636.56** |

**ĦAJR:**

- lil min ta' kontribuzzjoni biex kellna festa li tixraq lil San Pawl
- lil Banda San Pawl li tgħin bil-kbir biex tferraħ lill-kommunita'
- lil dawk li jieħdu ħsieb l-armar u t-tindif tal-knisja u barra, xogħol li jsir volontarjament
- lil dawk li ħadu ħsieb il-ktieb tal-festa
- lil 2 familji, għad-donazzjoni tagħhom għall-mużika ta' lejlet u ta' nhar il-festa

**X'nixtieqi iktar:**

- li ma tħallux l-envelopes id-dar
- li żżidu il-kontribuzzjoni
- benefatturi oħra li jħallsu l-mużika tal-Festa, speċjalment tat-Tridijiet tal-Festa

# DR ALEXANDRA GAUCI

**tawgura l-Festa t-Tajba**
**lill-Ħalsafin kollha**

Infakkarkom li qed noffri s-servizz
tiegħi mill-klinika

HealthQi
Family Wellness Clinic

**Tue - Fri (4:00pm - 7:00pm)**
**Saturday (8:30am - 11:30am)**

**77, Triq l-Iskola, Ħal Safi**
**Mob: 9984 0443**


RAYMOND
ABDILLA
EXPORTER & IMPORTER
SEED AND WARE POTATOES
Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-varjetajiet:
Patata Bikrija li tinżera f'Ottubru
Arinda • Adato • Vogue
Għall-esportazzjoni
Santè – (bikrija)
Alpha
Agria
Alouette – (tal-qoxra ħamra)
Arizona
Diamant
Lavante
Paradiso
Picasso
Spectra
ARIZONA
VARJETÀ TA' QATGHA BAJDA
LI TIFLAH GHALL-MARD
BI PRODUZZJONI TA'
KWANTITÀ U KWALITÀ
Fertilizzant tal-aqwa kwalità
(blu) NPK 12+12+17+M
(isfar) Ammonium Nitrate 27%
(abjad) Ammonium Sulphate 21%
Organic Pellets
Urea 46%
"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi SFI 1615
Tel: 21436594 (Grading Station)
Mob: Raymond - 9949 7980,
Malcolm - 9944 9553, Joanna - 9983 0176
E-mail: abdilla.potatoes@gmail.com
AGRICO






## Ċentinarju mill-wasla tal-Qniepen f'Ħal Safi (1920-2020)

***Doqqu, doqqu qniepen, doqqu: dinn – dann – donn!***

*Dorian Baldacchino*

Hekk kif tħabbar fil-priedka tal-Milied mill-abbati Gabriel Sciberras, li stedinna saħansitra biex ngħidu dan il-kliem donnu ħoss ta' qniepen, din is-sena l-parroċċa tagħna qed tfakkar il-mitt sena mill-wasla u l-konsagrazzjoni tal-4 qniepen li għandna fil-kampnar illum-il ġurnata.

Qabel dan is-sett kien hemm qanpiena oħra mdaqqsa, bl-isem ta' Pawla. Din kienet saret fis-sena 1827 mill-funderija ta' Salvu Cauchi u ġiet tiswa mitt skud (£150, li llum il-ġurnata jiġu €7,494.28). Kienet tiżen 5 qnatar u kellha l-figura ta' San Pawl, flimkien ma' din l-iskrizzjoni bil-Latin:

| | |
|---|---|
| **Pietas Me Fecit** | **It-tjieba għamlitni:** |
| **Sanctus Deus** | **Qaddis Alla** |
| **Sanctus Fortis** | **Qaddis Qawwi** |
| **Sanctus Immortalis** | **Qaddis Immortali** |
| **Miserere Nobis** | **Ħenn Għalina** |
| **Anno Domini 1827** | **Fis-sena tal-Mulej 1827** |

Wara l-wasla tal-qniepen il-ġodda għall-knisja ta' Ħal Safi, din il-qanpiena ta' Salvu Cauchi (1827) inbiegħet lill-parroċċa ta' San Bartilmew, Ħal Għargħur. Fortunatament din il-qanpiena għadha teżisti u tinsab fil-kampnar tal-lemin tal-istess knisja, u flimkien ma' qanpiena oħra, tindaqq b'mod speċjali biex timmarka l-ħin li l-arloġġ tal-knisja jkun qed jindika.

**Min kien Salvu Cauchi?**




Salvu Cauchi kien min-Nadur Għawdex. Ġie jgħix Malta, ġewwa Bormla, u tgħallem is-sengħa ta' brunżar minn għand l-Isqallin Ferdinando u Sebastiano Leotta. Dawn ġew Malta u waqqfu l-funderija tagħhom f'Għajn Dwieli. Cauchi kellu l-fonderija tiegħu barra l-bieb tat-Tarzna f'Bormla. Miegħu daħħal ukoll jaħdmu lil uliedu, fosthom il-magħruf Ġulju Cauchi (1829-1904). Infatti

jidher li mill-1854 'il quddiem, Salvu flimkien ma' ibnu, ħalla marka fejn tidħol is-sengħa ta' brunżar. It-tifel tiegħu kien l-aħħar brunżar lokali li naqqax isem fejn tidħol is-sengħa tal-qniepen. Wara l-mewt tiegħu, qam moviment ġdid sabiex jimportaw il-qniepen mill-Italja, Franza u l-Ingilterra.



**Il-Qniepen il-Ġodda**

Erbatax-il xahar wara li Dun Ġwann Patist Ghigo sar kappillan ta' Ħal Safi (fl-24 ta' Ġunju 1919), jiġifieri f'Awwissu 1920 wasal is-sett ta' 4 qniepen ġodda. Dawn ġew maħduma mill-fonderija ta' Prospero Barigozzi ta' Milan u ġew imħallsa minn Michelangelo Busuttil, li kien negozjant u benefattur kbir tal-Knisja Parrokkjali tagħna. L-isem tiegħu flimkien ma' tal-Kappillan Ghigo jinsab imnaqqax fuq il-qanpiena l-Kbira. Fuq din il-qanpiena insibu din l-iskrizzjoni:

MICHAELIS ANGELI BUSUTTIL
HUIUS PAGI MUNIFICI FILII
AD AUCFNDUM DEI CULTUM
ET FOVENDUM PAULI PATRONI GLORIUM
DONUM SUMUS
ADNITENTE JOANNE BAPTISTA GHIGO CURIONE
ANNO D°· MCMXX (1920)

Dawn il-qniepen waslu fil-port il-kbir f'Awwissu tal-1920 u ċ-ċerimonja tal-Konsagrazzjoni tagħhom saret fid-19 tal-istess xahar. Dak inhar tal-inawgurazzjoni tal-qniepen daqqet l-orkestra Santa Katarina taż-Żurrieq li wettqet programm fil-pjazza tal-knisja ta' Ħal Safi immexxija mis-surmast Ferdinandu Falzon, liema surmast ġieli serva bħala organista fil-parroċċa tagħna.



*L-ordni tal-qniepen kif jinsabu fil-kampnar*

Il-qniepen ta' dan is-sett il-ġdid kienu ssemmew hekk:

1. Iż-żgħira - 'SAN ĠUŻEPP' bl-iskrizzjoni: "REQUIEM AETERNAM DONA EIS"
2. It-tieni - 'MARIJA VERĠNI' bl-iskrizzjoni: 'AVE VIRGO MARIA'
3. Il-Fustanija - 'SAN MIKIEL' bl-iskrizzjoni: "TE SUPPLICANTES QUAESUMUS"
4. Il-Kbira: 'MATER BONII CONSIGLII – OMM TAL-PARIR IT-TAJJEB'

Tispikka l-iskrizzjoni:
"*Praesta nobis consolationis auxilium*
– Agħtina l-faraġ u l-għajnuna."

**Il-Fonderija Prospero Barigozzi ta' Milan**



L-istorja tal-fonderija hija marbuta mas-santwarju ta' Santa Marija alla Fontana, ta' Milan. L-artijiet madwar is-santwarju kienu jappartjenu lill-knisja nnfisha. Mal-wasla ta' Napuljun l-affarijiet inbidlu ladarba hu ħa l-artijiet madwar is-santwarju u hemm bena funderija tal-bronż. Il-viċi-re Eugenio De Beauharnais sejjaħ lill-aħwa Manfredi, li kienu f'Pariġi, biex imorru f'Milan sabiex jieħdu ħsieb il-kostruzzjoni tal-fonderija, li ngħatat l-isem ta' Eugenia bħala unur lejn il-viċi-re.



Fl-1830, il-fonderija kienet akkwistata mill-familja Barigozzi li kellhom għadd ta' fonderiji madwar ir-reġjun tal-Italja. Fl-1868 il-familja bniet *workshops* kbar f'Milan biex jiffondaw il-qniepen. Fis-seklu 19 il-fonderija bdiet tagħmel il-qniepen, mhux għan-naħat tal-Lomberija u l-Piemonte biss, imma saħansitra għal reġjuni oħra fl-Italja. Fl-1975 il-fonderija għalqet il-bibien tagħha, u reġgħet fetħithom snin wara bħala mużew.

Fost id-diversi xogħlijiet li din il-fonderija wettqet u għadhom preżenti fil-gżejjer Maltin insibu dawn il-qniepen, ħafna minnhom settijiet:-

Marsa - Malta (1911),
**Ħal Safi - Malta (1920),**
Żebbuġ - Għawdex (1920s),
Qala - Għawdex (1922),
Mellieħa - Malta (1925),
Rabat San Ġorġ - Għawdex (1925),
Ħal Luqa - Malta (1928),
Għasri - Għawdex (1930),
Mqabba - Malta (1931),
Sannat - Għawdex (1932),
Imġarr - Malta (1935),
Fontana - Għawdex (1958),
Mdina - Malta (1960),
Tarxien - Malta (1960),
Wardija - Malta (1966).



# G. CAMILLERI

G.P.S.

PETROL STATION

Valletta Road, Żurrieq

Tel: 2164 7235 ~ 2164 1647 Fax: 2164 1647




# CAR WASH

- Car Servicing
- Wheel Balancing
- Car Accessories
- Crash Helmets
- Puncture Repairs
- Car Batteries
- Oils & Filters
- Mountain Bikes
- Power Tools
- Free Balancing with Alloy Wheels
- Car Batteries with 3 Years Guarantee

*Jawgura l-Festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha.*


KULL M'GĦANDU BŻONN
L-Induratur
DEHEB TA'
L-INDURATURA,
SILVER LEAF,
ALUMINIUM LEAF
FLIMKIEN MA' DIVERSI
GĦODDA U PRODOTTI
OĦRA RELATATI MA'
DAN IX-XOGĦOL
ARTISTIKU
KIF UKOLL GĦAR-
RESTAWR.
EST 1923
E. THEUMA & COMPANY LTD.
"Theuma House", 302, St. Paul Street,
Valletta VLT 1213, MALTA
Tel +356 21 236605 / 21 234075 Fax: +356 21 244201
info@etheuma.com www.etheuma.com


Magic Clean
Discount Detergent Shop
Triq Filippu Farrugia, Żurrieq
Tel: 2164 7070
Mob: 7720 8974/99268290
Email: magic.clean.zurrieq@gmail.com
You can order by phone with FREE DELIVERY
THE HEART OF MAGIC PRICES


PARADISE
WINES & SPIRITS
Tal-Paradise
CASH & CARRY
Wholesalers of Wines, Spirits and Soft Drinks
Supplier for Gas Cylinders
20, Triq L-iSkola, Hal Safi
Tel: 21682125 • Mob: 99269375 • e-mail: paradise_nick@hotmail.com


The Fruit Tree
35, Triq il-Bronja, Zurrieq Tel: 21647657 Mob:79926196
Prop. Joseph Scerri
Daily Fresh Fruit & Vegetables
Mon
(9:30 - 12:30), (16:00 - 19:00)
Tue, Wed, Fri
(7:00 - 12:30), (16:00 - 19:00)
Thur
(9:00 - 12:30), (16:00 - 19:00)
Sat
(7:00 - 13:00)

# Dr Anthony Gauci

*jawgura l-Festa t-tajba*
*lill-Ħalsafin kollha.*
*Infakkarkom li qed inservi*
*fil-klinika tad-dar tiegħi*

Grazzi

**'Ċettina House'**
**4, Żurrieq Road, Safi**

**Tel. No: 21641277**
**Mob: 99496111**






## Messaġġ għall-Festa 2020

*Dun Karm Zammit*

### San Pawl ikellimna ...

Nisimgħu lil San Pawl ikellimna permezz ta' kliem mill-Ittri tiegħu, ħafna minnhom indirizzati lill-komunitajiet Insara li waqqaf u żar:

Nitolbu fuq li nitolbu f'ġieħ Kristu: "Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu."
**(2 Korintin 5:20)**

Fittex li jkollok il-ġustizzja, it-tjieba, il-fidi, l-imħabba, is-sabar, il-ħlewwa.
**(1 Timotju 6:11)**

Kulma tagħmlu, agħmluh minn qalbkom, bħallikieku lill-Mulej u mhux lill-bnedmin;... Aqdu lil Kristu Sidna. **(Kolossin 3:23-24)**

Wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-Bniedem Kristu Ġesù, li ta lilu nnifsu bħala prezz tal-fidwa għal kulħadd.
**(1 Timotju 2:5-6)**

Il-predikazzjoni tas-salib hija bluha għal dawk li jintilfu; imma għal dawk li jsalvaw, għalina, hi l-qawwa ta' Alla. **(1 Korintin 1:21)**

Aħna nħabbru "dak li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet," u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh.
**(1 Korintin 2:9)**

Kulma tgħallimtu u ħadtu mingħandna, u smajtu u rajtu fina, agħmluh. U Alla tas-sliem ikun magħkom. **(Filippin 4:9)**

Jiena ma nistħix mill-Evanġelju; għax l-Evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu. **(Rumani 1:16)**

**San Pawl Missierna jieħu ħsiebna u jberikna!**

# tower ironmongery





*suppliers of:*
Building Materials,
D.I.Y., Power Tools & Hand Tools,
Electrical & Plumbing, Water Heaters,
Grouting, Cement, Lime & Adhesive Products,
Drain Pipes & Fittings,
Galvanised Pipes & Fittings,
Aluminium Ladders, Curtain Rails, Rużuni,
Sanitary Fittings, Garden Tools,
Plastic Chairs & Tables,
Fans, Barbecues, Heaters,





# SIGMA PAINT DISPENSING SYSTEM



- An endless variety of colours to choose
- Available in three different sizes
- Interior & Exterior Paint
- Mixed while you wait



**Tower Street, Żurrieq ŻRQ 2360**
**Tel: 2164 0196**
**E-mail:** sales@towerirmongery.com


FAST, RELIABLE & AFFORDABLE
Construction Works
Concrete and Form Works
Printed and Stencilled Concrete Paving
Warehouse and Garage Concrete Floor Screeds
Installation of Earth Electrode
Laying of Waterproofing Membrane
Hire of Plant and Machinery
Refurbishing of Pavements
Road Patching Work
J.&K. Contractors Ltd.
102, Triq Il-Hammieri,
Qormi QRM 1505
E:jandkcontractorslimited@gmail.com
T/F: 21447805
M: 99494813 / 99404821


MOBILTECH VRT STATION
VRT GHAND GANNI L- ELECTRICIAN
WE ALSO DO:
TYRES AND PUNCTURE REPAIR
BATTERIES
A/C SERVICE
ELECTRICAL PARTS AND REPAIR
INSURANCE AND LICENCE
VRT FOR:
CARS
LIGHT COMMERCIALS
QUAD BIKES
LOW VEHICLES
4 WDS
VALLETTA RD - ZURRIEQ
TEL: 21640466 / 79498465
e mail: mobiltechgarage@hotmail.com

# Mir-Reġistri tal-Parroċċa
(Mill-Festa l-oħra 'l hawn)

**Bdew il-Ħajja Nisranija:**

Cain Bondin, Zach Micallef, Tyler Baldacchino, Enrique John Portelli, Neil Fava, Elena Grech, Izaac Schembri, Julia Bonnici, Thomas Pace, Benjamin Debattista, Luke Debono Fsadni, Nathaniel Agius, Laura Azzopardi, Max Piscopo, Matthew Sant, Harry Paul Grech, Beppe Sciberras.

**NIFIRĦULHOM!**





**Għamlu l-Ewwel Tqarbina – 26 ta' Lulju 2020:**

Aidan Abdilla, Matthias Joseph Busuttil, Paul Francesco Busuttil, Nathan Busuttil, Nathan Dingli, Francesco Farrugia, Morgan Grixti, Jaden Muscat, Randolf Scerri, Benjamin Jack Zahra, Julia Lynne Agius Zammit, Hailey Busuttil, Faith Caruana, Martha Fenech, Lara Jade Sacco.

**NAWGURAWLHOM!**

**Irċevew il-Griżma tal-Isqof – 27 ta' Ottubru 2019:**

Kristian Camilleri, Clyan Cutajar, Aiden Farrugia, Ryden Mifsud Zammit, Ziann Schembri, Deisler Vella, Dejan Xuereb, Kayden Xuereb, Chanelle Agius, Martina Calleja, Rachelle Debattista, Noelene Delmar, Danica Galea, Laura Gauci, Dana Magri, Kessedy M. Zammit.

**L-ISPIRTU TA' ALLA JKABBARHOM FIH!**





**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**

Patrick Abdilla ma' Tiziana Flores
Kevin Portelli ma' Brenda Cassar.

**NAWGURAWLHOM!**

**Daħlu Jistrieħu fil-Ħajja ta' Dejjem:**



Anthony Busuttil, Michelina Zammit, Nicolina Scerri, Veneranda Cutajar, Francesca Busuttil, Carmen Nadler, Mose Sacco, David Mangion, Ġuża Vella, Angela Cachia, Chantelle Chetcuti, Catherine Zammit, Klement Busuttil, Joseph Gatt, Jacqueline Mary Cachia, Gregory (k/a Gori) Farrugia, Joseph Gerald Azzopardi, Karmenu Damato.

**NITOLBU GĦALIHOM!**




JOSEPH GATT
GOLD - SILVER
GILDER (INDURATUR)
Block 2, No.9
Old Governor Palace Street,
Vittoriosa
Tel: 2166 4242
Mob: 9986 0648
GĦAL
KULL TIP
TA'
NDURATURA
FI DJAR
U
KNEJJES


George Zammit & Sons
RELIGIOUS ARTICLES SUPPLIER EST 1954
• Pjaneti
• Rigali
• Kalċijiet
• Sferi
• Ikoni
• Xemgħa Likwida
• Damaski
146, Old Bakery Street
Valletta VLT09 - Malta
Shop: 2123 2933
Mob: 9985 6842
Find us on Facebook
OPENING HOURS
Monday to Saturday 09.15 - 13.00
gzamson@onvol.net - www.religiousshopmalta.com

# Little Profit Bazaar

## Safi

Underwear, Women's and men's wear, Children's wear

Shoes and toys, Stationery and photocopies, Household products

Mob: 9940 7318 - 9925 5387

*Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha*




# AVVIŻ - BUKKETT LI MA JINXIFX

Napprezzaw li matul il-jiem tal-festa,
apparti li jingħataw bukketti ta' fjuri friski,
nagħmlu wkoll il-**bukkett li ma jinxifx**,
jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta
li mhux biss issebbaħ, imma li tibqa' titgawda wkoll.

Din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx se jmur b'risq l-ispejjeż
tad-dawl tan-niċeċ ta' San Pawl u tad-Duluri,
fuq it-tkomplija tar-restawr tal-gandlieri ta' kuljum,
u t-tiswija tal-lanterna tal-Knisja minn ġewwa u minn barra.

Grazzi tal-ġenerożità tagħkom biex dawn l-inizjattivi nwettquhom.

# ARBURAL

**GĦALL-FESTA NISRANIJA**

**Ix-xahar l-ieħor irċevejtu l-envelop tal-ARBURAL għall-festa u l-karità**

**Is-sehem tiegħek hu IMPORTANTI u TA' ĦTIEĠA KBIRA.**
**Tgħidx: "li aħna nħobbu lil San Pawl" u ma timxix fuq il-passi tiegħu.**
**Ibgħat l-envelop lill-Kappillan fl-Uffiċċju Parrokkjali.**

**GRAZZI! GRAZZI! GRAZZI!**

*Quddiesa kuljum tagħmel il-ġurnata isbaħ.*
*Ġesù l-ħin kollu jistenniena.*

**Ħinijiet tal-Quddies**
**PARROĊĊA SAN PAWL – SAFI**

**Matul il-ġimgħa – 7:30 am u 6:30 pm;**
**Ħdud u Festi Kmandati – 6:45 am, 9:00 am;**
**Filgħaxija – 5:30 pm (fix-xitwa), 6:00 pm (fis-sajf).**



Statwa tal-injam li tinsab
fil-*Museo di Scaria*
fir-reġjun ta'
Lombardia fl-Italja

Maħduma mill-Bottega
'Ercole Ferrata'
1661 - 1670



**MICHAELIS ANGELI BUSUTTIL**

**HUIUS PAGI MUNIFICI FILII**

**AD AUCFNDUM DEI CULTUM**

**ET FOVENDUM PAULI PATRONI GLORIUM**

**DONUM SUMUS**

**ADNITENTE JOANNE BAPTISTA GHIGO CURIONE**

**ANNO D°. MCMXX**

parroccasafi.wordpress.com

f: facebook.com/paroccaHalsafi